MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
LAURENCE QUINTANO**

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2009

Numru. 141/2009

**Il-Pulizija
Sp Spiridione Zammit
vs
SZ Mahmoud Z Aboumed Tarek**

**Il-Qorti,**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra SZ Mahmoud Z Aboumed Tarek ta’ 32 sena iben Mahmud u Soha, mwieled Tripoli fl-4 ta’ Dicembru 1975 u residenti fil-Facilita Korrettiva ta’ Kordin, detentur ta’ passaport bin-numru 405492.**

**Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fl-20 ta’ Frar 2009 u matul l-ahhar xhur qabel din id-data**

**(a) waqt li kien fil-Facilita Korrettiva ta’ Kordin kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-**

**raza u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta**
**(b) U iktar talli b'hekk sar ricediv b'diversi sentenzi tal-Qorti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra u dan ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna li jithallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, skond l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti kienet wkoll mitluba sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija, tapplika il-provvedimenti ta' l-Artikolu 33A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti rat li l-imputat ghamel ammissjoni mill-ewwel u ghal daqstant l-imputazzjonijiet dedotti kontrieh gew ppruvati skond il-ligi.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) u 29 tal-Kap 101 kif wkoll l-Artikoli 33A, 49 u 50 tal-Kap 9 ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu. Dwar il-piena, il-Qorti qieset li l-imputat huwa ricediv, izda qieset ukoll li ghen lill-pulizija u ghal hekk ghandu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap 101 b'zewg gradi.**

**Ghal hekk qed tikkundanna lill-imputat ghal zmien ta' tliet xhur prigunerija. Barra minn dan qed tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez ta' l-esperti, dawk l-ispejjez li saru matul din l-inkjesta, ghaliex din l-inkjesta saret wara is-16 ta' Jannar 2006.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------